

**Kav. ĊUŻE' MUSCAT AZZOPARDI**

**L-Ewwel President tal-"Għaqda"**
**Għeluq il-Mitt Sena tat-Twelid Tiegħu**
**L-Għaqda tal-Kittieb tal-Malti,**
**B'Tifkira Għażiża.**

*u ħadt f'idejk il-kelma li mhix fqira*
*mill-fomm ta' ġensna, rgomtha, ħdimtha sewwa,*
*u tajtna tal-Maltin l-isbaħ tifkira.*

DUN KARM.


IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI — DIĊEMBRU 1953


# *Niftakru f'Min Mexxiena*

*Meminisse juvabit*

*BĦALMA aħna fid-dmir li niftakru f'dawk li rabbewna b'sagrifiċċi kbar ta' saħħithom u buthom biex wasalna għat-triq ta' karriera li biha nistgħu ngħixu skond ma jixraq għall-edukazzjoni li trabbejna fiha; bħalma aħna fid-dmir ukoll li niftakru f'dawk li għallmuna u fetħulna moħħna u rawmuna f'xogħol ta' qligħ il-ħobż; bħalma, f'kelma waħda, aħna fid-dmir li niftakru f'min fetħilna xi triq li minnha nistgħu bla xkiel ngħaddu biex naslu fil-ħsieb tagħna ta' intrappriża jew ta' xi biċċa xogħol li minnha nistgħu niksbu xi ġid materjali jew morali—hekk jixraq li l-lum niftakru f'dawk in-nies li fetħulna t-triq biex minnha nkunu nistgħu ngħaddu bla xkiel u tweġħir lejn dak it-tarf ta' studju, tagħlim u progress tal-Lsien Malti li fih kellna x-xorti naslu.*

*Il-qima tagħna lejn dawn in-nies għandha tkun qima ta' wlied li fl-għemil tagħhom u fl-eżempji tagħhom jirriflettu x-xbieha ta' l-istess ħedma tagħhom, ħedma sinċiera għall-kultura u ġieħ tal-Lsien Malti; mhux bi tħambiq fieragħ, mhux b'tixmir ta' dirgħajn, li l-lum ma jagħmilx ħlief iqajjem ħġejjeġ li jintfew wara ftit żmien, iżda b'kitba soda, istruttiva, letterarja, u għal bżonn xjentifika, li tista' toqgħod ma' dik ta' ilsna oħra letterarji, li turi l-progress ta' moviment sod fil-moħħ u fil-qalb taddifensuri tal-Malti bħala l-werrieta ta' patrimonju nazzjonali. B'qima bħal din imżewġa ma' tifkira sentimentali, iżda konkreta, ta' dawk in-nies jew ta' dak il-bniedem li lejh għandna nuru l-gratitudini tagħna, aħna nkunu għamilna wieħed mill-akbar dmirijiet tagħna bħala membri tal-"Għaqda" u kittieba tal-Malti.*

*F'waħda mill-okkażjonijiet storiċi fil-bidu tal-libertajiet kostituzzjonali, meta l-proletarjat Malti ħass il-bżonn li jingħaqad mal-fehmiet tagħna biex il-Malti jkollu postu fl-iskejjel, fil-qrati u fl-amministrazzjoni tal-Gvern bħala lingwa tal-pajjiż, f'daqs-*